' Illi tenut kont tal-prinċipju li minn jallega jrid jipprova, anke fi grad ta' probabilità l-attur naqqas milli jipprova l-allegazzjonijiet tiegħu kontenuti fl-avviż promotur;

7. Illi fil-kawża ċivili l-grad ta' prova huwa l-grad fuq bilanċ ta' probabilità,

8. Illi jista' jiġri li f'każ ikun hemm żewġ verżjonijiet kontrastanti, fejn il-każ jirriduċi ruħu f'wieħed ta' kredibilità u verosimiljanza tal-verżjonijiet mogħtija mill-partijiet.

9. Illi jista' jiġri li l-piż tal-prova f'ċerti ċirkostanzi tisposta ruħha minn fuq l-attur għall-fuq il-konvenut.

10. Illi fuq dawn iż-żewġ prinċipji wieħed għandu jifli l-provi tal-każ u għandu jiġġudika jekk fuq il-livell ta' probabbilità l-attur appellat ippruvax il-każ tiegħu jew le.

11. Illi qiegħed jiġi sottomess illi l-attur irnexxielu jagħmel propju dan u allura l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta hija qalet li huwa ma rnexxilux jipprova l-każ tiegħu.

12. Minn qari akkurat ta' l-atti proċesswali wieħed isib is-segwenti provi:

I) L-attur appellant odjern – Joseph Tonna fis-seduta miżmuma fid-29 ta' Jannar 2003, jgħid illu huwa kera flat lill-konvenut. Dan għamlu verbalment mingħajr kitba ta' xejn ....Omissis.....

S'intendi f'dan il-flat kien hemm telefon. Però meta l-attur kera dan il-flat lill-konvenut huwa ra li jiskonnettja t-telephone min mal-kaxxa tal-Maltacom. Però ma bbarjahx. Skond ma xehed l-attur xi żmien wara li huwa kien kera dan il-flat lil-konvenut, l-istess konvenut kien infurmah illi f'dan il-flat kenet se tibqa' Faiza Mercieca u li kienet responsabbilità ta' l-attur jekk huwa ried li jibqa' żommha hemm.

II) Meta ġara hekk l-attur ċempel lill-Maltacom u dawn infurmawh illi kien hemm kont ta-telefon pendenti. L-attur tkellem mal-konvenut dwar dan il-fatt iżda huwa ċaħad li kien għamel dawn it-telefonati.

III) Irriżulta ukoll illi f'Ġunju tas-sena 2001, Faiza Mercieca daħħlet linja tat-telefon fil-flat mikri mill-attur lil konvenut. Anke dan il-kont ma tħallasx.

IV) ....Omissis.....

judgement and is appealing from this judgement by an application of appeal before the Honourable Civil Court (Inferior Jurisdiction).

Grievance.

6. That the Court of First Instance in its judgement considered that;

' That keeping in view the principle that the person alleging has to prove, even in a grade of probability the plaintiff failed to prove his allegations contained in the original application;

7. That in a civil cause the grade of proof is that of a balance of probability,

8. That it can happen that in case that there are two contrasting versions, where the case is reduced to one of credibility and thruthfulness of the versions given by the parties.

9. That it can happen that the onus of proof in certain circumstances is shifted from the plaintiff on to the defendant.

10. That on these two principles one is to examine the proof of the case and is to judge if whether on the level of probability the respondent plaintiff proved his case or not.

11. It is being submitted that the plaintiff managed to do this and thus the Court of First Instance was mistaken when it stated did he did not manage to prove his case.

12. From an accurate examine of the records of the proceedings one finds the following proof:

I) The plaintiff the present appellant – Joseph Tonna in the sitting held on the 29th January 2003, stated that he had leased the flat to the defendant. He made this verbaly without any writing ....Omissis.....

Obviously in this flat there was a telephone. However when the plaintiff leased this flat to the defendant he saw to disconnect the telephone from the Maltacom box. However he did not bar it. According to the evidence of the plaintiff sometime after he leased this flat to the defendant, the same defendant had informed him that in this flat Faiza Mercieca was to remain and it was the responsibility of the plaintiff that he wanted to keep her there.

II) When this happened the plaintiff phoned up Maltacom and the latter informed him that there was a telephonebill pending. The plaintiff spoke to the defendant regarding this fact but he denied that he wanted to make these calls.

III) It also results that in June of the year 2001, Faiza Mercieca installed a telephone line in the flat leased by the plaintiff to the defendant. Even this bill was not paid.

IV) ....Omissis.....

V) ....Omissis.....

VI) L-attur esebixxa ukoll (Dok JT3) kont tat-telefon li kien isejjaħ lil Faiza Mercieca u dan għal dawk ix-xahrejn li hija damet fil-fond minn mindu ħareġ il-konvenut.

VII) Il-konvenut Philip Azzopardi jammetti li huwa kien kera flat mingħand l-attur. Huwa jgħid però li kien krieh għal xahar biss. Di fatti jgħid illi 'jiena lestejt wara xahar u mort ninforma lill-attur jekk isibx diffikultà biex joqgħod ġo fih l-oħra Faiza Mercieca u qalli li ma jsib l-ebda diffikultà.....Omissis.....

VIII) ....Omissis.....

IX) ....Omissis.....

X) L-istess konvenut jgħid ukoll illi huwa kien informa lill-attur li jekk Miss Mercieca ma tasalx tħallsu għall-kera jien kont lest li nagħmel tajjeb għal dan u 'jien għidtlu li anke nagħmel tajjeb għad-dawl u l-ilma li tuża Miss Mercieca'

XI) ....Omissis.....

XII) ....Omissis.....

XIII) Ix-xhud Faiza Trablesi Mercieca tgħid fis-seduta ta' l-1 ta' Luju 2003 illi l-attur għamlilha l-kuntratt ta' kera xahrejn qabel ma telqet mill-flat.

XIV) ....Omissis.....

XV) Dwar it-telefon hija tgħid illi meta daħlet fil-fond in diżamina ma kienx hemm telefon fih. Kien f'xi żmien tul il-kirja li hija kienet għamlet linja.

XVI) ....Omissis.....

XVII) Meta ġiet mistoqsija jekk kienx hemm linja tat-telefon oħra apparti dik li hija daħlet fuq isimha din ix-xhud qalet li ma kienx hemm.

XVIII) Fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2003, Mercieca tgħid illi fil-flat de quo hija damet madwar tlieta jew erba' xhur. Il-linja tat-telefon hija kienet applikat għaliha u ġiet installata f'Ġunju 2001.

XIX) Meta ġiet mistoqsija kemm-il darba hija kienet ħallset kera lill-attur, din ix-xhud tgħid illi hija kienet ħallset xi darbtejn jew tliet darbiet.

XX) Kien hemm tliet rappreżentanti tal-Maltacom plc li xehdu.

13. Illi l-konvenut u xhud Faiza Mercieca jgħidu li meta l-konvenut kien indika n-numru tal-mobile tiegħu bħala

V) ....Omissis.....

VI) The plaintiff exhibited also (Doc JT3) a telephone bill which was in Faiza Mercieca's name and this for those two months that she stayed in the premises since the defendant left.

VII) The defendant Philip Azzopardi admits that he had leased a flat from the plaintiff. He states however that he had taken it on lease only for a month. In fact he states that ' I was ready after a month and went to inform the plaintiff whether he found any difficulty so whether the other one Faiza Mercieca stayed in it and he told me that he did not find any difficulty.....Omissis.....

VIII) ....Omissis.....

IX) ....Omissis.....

X) The same defendant also states that he had informed the plaintiff that if Miss Mercieca did not come forward to pay him the rent I was ready to guarantee this and ' I told him that I shall even pay the electricity and water used by Miss Mercieca'

XI) ....Omissis.....

XII) ....Omissis.....

XIII) The witness Faiza Trablesi Mercieca stated during the sitting of the 1st July 2003, that the plaintiff had given her a lease agreement two months before she left the flat.

XIV) ....Omissis.....

XV) Regarding the telephone she states that when she entered the persons in question there was no telephone in it. It was sometime during the lease that she fixed a line.

XVI) ....Omissis.....

XVII) When asked if there was another telephone line besides the one which she installed in her name this witness said that there wasn't another.

XVIII) During the sitting of the 7th November 2003 Mercieca states that in the flat de quo she stayed for only three or four months. She had applied for the telephone line and it was installed in June 2001.

XIX) When she was asked how often she paid the rent to the plaintiff, this witness states that she had paid two or three times.

XX) There were three representatives of Maltacom plc which testified.

13. The defendant and the witness Faiza Mercieca state that when the defendant had indicated his mobile number as

99452892, huwa kien għamel żball u dan peress illi n-numru kellu jkun 79452892.....Omissis....

14. Minn dan kollu għandu jirriżulta illi telefonati kienu qegħdin isiru mill-fond mikri lill-konvenut. Kienu qegħdin isiru telefonati lill-istess konvenut minn fuq in-numru tat-telefon 21581041 li kien issejjaħ lill-attur u li kien installat fil-fond lokat lill-konvenut.

15. Il-konvenut assuma r-responsabbilità ta' dan il-flat. Jekk huwa jew terzi persuni abbużaw mill-fatt li kien hemm linja tat-telefon u bdew jużawha, allura għandu jaħti l-konvenut u ħadd iżjed.

16. Dak li xehdet Faiza Marcieca m'għandux mis-sewwa u ma tistax titwemmen.....Omissis....

17. Illi l-konvenut jgħid ukoll illi huwa dam biss xahar fil-flat mikri lilu.....Omissis....

18. Illi għandu jirriżulta mix-xhieda wkoll illi l-konvenut kien jaf li din Faiza kellha telefon fil-flat lokat lill-istess konvenut u dan peress illi skond ir-rendikont magħmul hawn fuq, għandu jirriżulta illi saru diversi telefonati lill-konvenut.....Omissis....

19. Illi apparti dan kollu ma jirriżultax illi l-konvenut issulloka dan il-flat lil Faiza Mercieca.

20. .....Omissis....

21. Illi ma jirriżultax li kien hemm dan il-ftehim ta' sullokazzjoni bejn Faiza Mercieca u l-konvenut appellat. Żgur li l-konvenut ma kellux bżonn jitlob permess lis-sid sabiex jissulloka u dan peress illi l-ftehim ta' kera bejn il-partijiet kienet waħda verbali.

22. Illi l-anqas jista' jingħad illi kien hemm ċessjoni tal-kirja minħabba li l-liġi tesiġi skond l-Artikolu 1470 (1) tal-Kodiċi Ċivili li;

'Iċ-ċessjoni ma tiswiex jekk ma ssirx bil-miktub'.

23. Illi la darba ma kienx hemm sullokazzjoni u lanqas ċessjoni u kif ukoll il-konvenut appellat ma indikax ċar u tond li se jitlaq mill-fond għandu jirriżulta li l-konvenut appellat kien għad kellu l-kirja għaddejja ma' l-attur appellant. Fil-fatt jirriżulta illi l-konvenut baqa' jħallas il-kera l-għaliex huwa kien responsabbli.

24. Illi jirriżulta wkoll illi l-attur appellant odjern ma kienx qiegħed jgħix fil-post lokat. Kien il-konvenut li kien qiegħed jgħix ġo fih u allura huwa l-persuna resposabbli għall-ħlas tal-kontijiet kollha li hemm pendenti.

25. Il-konvenut jgħid illi huwa telaq wara xahar u li xorta

99452892, he had made a mistake and this because the number had to be 79452892.....Omissis....

14. From all this it results that the telephone calls were being made from the premises leased to the defendant. Telephone calls were being made to the same defendant from telephone number 21581041 which was in the plaintiff's name and which was installed in the premises leased to the defendant.

15. The defendant assumed responsibility for this flat. If he or third parties abused from the fact that there was a telephone line and started to use it, then the defendant is to blame and no one else.

16. What Faiza Mercieca testified is not true and cannot be believed.....Omissis....

17. That the defendant also states that he only stayed for a month in the flat leased to him.....Omissis....

18. That it should result from the evidence also that the defendant knew that this Faiza had a telephone in the flat leased to the same defendant and this because according to the rendering above made, it should result that various telephone calls were made to the defendant.....Omissis....

19. That apart from this it does not result that the defendant sublet this flat to Faiza Mercieca.

20. .....Omissis....

21. That is does not result that there was this agreement of subletting between Faiza Mercieca and the respondent defendant. It is certain that the defendant did not need to ask the owner permission to sublet because the lease agreement between the parties was a verbal one.

22. That it cannot be stated that there is an assignment of the lease because the lease demands according to Article 1470(1) of the Civil Code that;

'The assignment is not valid if it is not made in writing'.

23. That once there was no subletting and assignment as well as the appellant defendant did not indicate clearly that he shall leave the premises it should result that the respondent defendant had a lease which was still going on with the plaintiff appellant. In fact it resulted that the defendant continued to pay the rent because he was responsible.

24. That it also results that the plaintiff, present appellant was not living in the premises leased. It was the defendant who was living in it and thus the person responsible for the payment of all the bills that are pending.

25. That the defendant states that he left after a month and

baqa' jħallas il-kera tal-flat de quo. Ix-xhud Faiza Mercieca tgħid illi hija ħallset minn tnejn sa tliet kirjiet biss. Allura ma jistax ikun li l-konvenut telaq 'il barra wara xahar. Huwa baqa' f'dan l-appartament u baqa' responsabbli għalih sakemm bdiet tħallas il-kera Faiza Mercieca.

26. Illi mix-xhieda ta' Faiza joħroġ ċar li hi kull ma ħallset kera xi darbtejn lill-attur appellant u dan huwa indikat fl-irċevuti u hi damet tabita fil-flat xi erba' xhur.....Omissis.....

27. Illi wieħed faċilment jista' jislet il-konklużjoni li bejn Jannar u Mejju kien għadu responsabbli għall-kirja l-konvenut appellat u għaldaqstant la huwa kien il-kerrej huwa kien responsabbli mill-ħlas tal-kont tat-telefon f'din il-kawża.

Għaldaqstant l-attur appellant filwaqt li jagħmel riferenza għall-atti tal-kawża u jirriserva li jagħmel dawk l-osservazzjonijiet u jressaq dawk il-provi li jkun hemm bżonn, umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell sabiex tħassar is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fit-13 ta' Lulju 2005, fl-ismijiet Joseph Tonna vs Philip Azzopardi konsegwentement tiċħad l-eċċezzjonijiet ta' l-istess konvenut appellat u tilqa' t-talbiet ta' l-attur appellant, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat.

Appellat: GT Court B, Flat 7, Resort Street, Buġibba.

Reġistru tal-Qorti Superjuri (Appell Inferjuri) illum 24 ta' April 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

that he still paid the rent of the flat de quo. The witness Faiza Mercieca states that she paid between two to three instalments of rent. So it cannot be that the defendant left after a month. He remained in this apartment and was responsible for it till Faiza Mercieca paid the rent.

26. That from the evidence of Faiza it emerges clearly that she only paid the rent twice to the plaintiff appellant and this in indicated in the receipts and she lived in the flat for four months.....Omissis.....

27. That one can easily draw the conclusion that between January and May the respondent defendant was still responsible for the lease and thus since he was the lessee he was responsible for the payment of the telephone in this cause.

Thus the plaintiff appellant whilst refering to the records of the cause and reserving to make those observations and bring forward that proof which is necessary, humbly asks the Honourable Court of Appeal to cancel the judgement given by the Court of Magistrates on the 13th July 2005, in the names Joseph Tonna vs Philip Azzopardi and consequently reject the pleas of the respondent defendant and uphold the demands of the plaintiff appellant with costs of both instances against the respondent.

Respondent: GT Court B, Flat 7, Resort Street, Buġibba.

Registry of the Superior Courts, (Inferior Appeals) today 24th April 2006.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

660

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) permezz ta' digriet mogħti, fis-17 ta' Marzu 2006, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Liana Ira Loporto, ippreżentat Ċitazzjoni fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fil-25 ta' Ottubru 2005, kontra Sasha Miguel Muscat sive Sasha Miguel Muscat Inglott, fejn talbet il-konvenut għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti għar-raġunijiet premessi:

1. Tiddeċiedi u tiddikjara li ż-żwieġ bejn il-partijiet ta' l-ewwel (1) ta' Ġunju elfejn u wieħed (2001) fuq imsemmi hu null u invalidu għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut li hu minn issa inġunt għas-subizzjoni.

Konvenut: Milner Grove Indigo
Flat 2, Għar-id-Dud Str, Sliema.

It is hereby notified that the Civil Court (Family Section) by means of a decree given on the 17th March 2006, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

Liana Ira Loporto, filed a Writ of Summons in the Civil Court (Family Section) on the 25th October 2005, against Sasha Miguel Muscat sive Sasha Miguel Muscat Inglott, whereby the defendant asked why this Honourable Court for the reasons premised should not:

1. Declare and decide that the marriage between the parties of the first 1st June two thousand and one (2001) above mentioned is null and invalid for all intents and purposes of law.

With costs against the defendant who is from now summoned so that a reference to his evidence be made.

Defendant: Milner Grove Indigo
Flat 2, Għar-id-Dud Str, Sliema.

Il-kawża Ċitazzjoni Numru 350/2005 NC, fl-ismijiet Loporto Liana Ira vs Muscat Sasha Miguel sive Muscat Inglott Sasha Miguel, tinsab differita għall-20 ta' Ġunju 2006, fid-9.00 a.m., għan-notifika tal-konvenut.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) illum 24 ta' April 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The case Writ of Summons Number 350/2005 NC, in the names Loporto Liana Ira vs Muscat Sasha Miguel sive Muscat Inglott Sasha Miguel has been put off to the 20th June 2006, at 9.00 a.m., in order that the defendant be notified.

Registry of the Civil Courts (Family Section) today 24th April 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

661

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' digriet mogħti fl-14 ta' Marzu 2006, fl-atti taċ-Ċitazzjoni Numru 45/2006 JRM, fl-ismijiet Dr. Stephen Thake nomine vs Lena Investments Ltd ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tas-soċjetà intimata a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

L-Avukat Dottor Stephen Thake (ID 650258(M) bħala mandatarju speċjali għan-nom u in rappreżentanza ta' Jeff Reindrop u Mary Josephine Francis sive Marie Reindrop, ippreżenta Ċitazzjoni fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fit-13 ta' Jannar 2006, kontra Lena Investments Limited (C 11375) 160, Ta' Xbiex Seafront, Msida, fejn talab is-soċjetà konvenuta għaliex m'għandhiex dina l-Onorabbli Qorti, għar-raġunijiet premessi:

1. Tiddikjara illi minħabba l-kambjamenti fil-kondizzjoni tagħha u ċ-ċirkostanzi oħra premessi f'din iċ-ċitazzjoni u li għandhom jirriżultaw mill-provi miġbura s-soċjetà konvenuta tilfet il-benefiċċju taż-żmien u d-debitu tagħha fis-somma ta' sitt elef lira Maltin (Lm6,000) oltre l-imgħax dekors huwa eżiġibbli u pagabbli immedjatament u mingħajr benefiċċju taż-żmien.

2. Tikkundanna lill-istess soċjetà konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma ta' sitt elef lira Maltin (Lm6,000) dovuti bħala rifużjoni ta' self mogħti 'brevi manu' mill-attur lis-soċjetà konvenuta, flimkien ma' l-interessi relattivi ai termini tal-kuntratt datat 18 ta' Diċembru 2002, dekorribbli mill-1 ta' Frar 2003, sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż, kif jingħad fiċ-ċitazzjoni u bl-imgħaxijiet sad-data tal-effettiv pagament kontra s-soċjetà konvenuta minn issa inġunta għas-subizzjoni.

Soċjetà Konvenuta: 160, Ta' Xbiex Seafront, Msida.

Il-kawża Ċitazzjoni Numru 45/2006 JRM, fl-ismijiet Thake Avv. Dr. Stephen noe vs Lena Investments Limited (C 11375) tinsab differita għall-11 ta' Mejju 2006, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum 24 ta' April 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the First Hall Civil Court by means of a decree given on the 14th March 2006, in the records of the Writ of Summons Number 45/2006 JRM, in the names Dr. Stephen Thake nomine vs Lena Investments Ltd ordered the following publication for the purpose of service of the defendant company in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

Advocate Dr. Stephen Thake (ID 650258(M) as special mandatory in the name and in representation of Jeff Reindrop and Mary Josephine Francis sive Marie Reindrop, filed, a writ of Summons in the First Hall Civil Court, on the 13th January 2006, against Lena Investments Limited (C 11375) 160, Ta' Xbiex Seafront, Msida, whereby he asked the defendant company why this Honourable Court should not for the reasons premised:

1. Declare that due to a change of its conditions and the other circumstances premised in this writ of summons that are to result from the proof gathered, the defendant company lost the benefit of time and its debt in the sum of six thousand Maltese liri (Lm6,000) besides the interest accrued can be demanded and payable immediately and without the benefit of time.

2. Condemn the same defendant company to pay the plaintiff the sum of six thousand Maltese liri (Lm6,000) due as refund of loan given 'brevi manu' by the plaintiff to the defendant company together with the relative interests in terms of the contract dated 18th December 2002, to run from the 1st February 2003, till the date of effective payment.

With costs as stated in the writ of summons and with interest till the date of effective payment against the defendant company from now summoned so that a reference to its evidence be made.

Defendant company: 160, Ta' Xbiex Seafront, Msida.

The case Writ of Summons Number 45/2006 JRM, in the names Thake Adv. Dr. Stephen noe vs Lena Investments Limited (C 11375) has been put off to the 11th May 2006, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 24th April 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

662

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja) fit-8 ta' Marzu 2006, minn Judith Arapa armla minn Joseph, Rikors numru 145/2006, fejn talbet li tiġi ddikjarata miftuħa favur tagħha u dan fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż kull wieħed u favur uliedha Maria mart Mario Friggieri, Rita Camilleri mart Joseph u Pauline Scerri, legalment separata minn ma' Martin Scerri, aħwa Arapa, u dan fi kwota ta' sesta parti indiviża kull waħda minnhom is-SUĊĊESSJONI ta' Carmelo sive Charles Arapa, ġuvni, iben il-mejjet Joseph u r-rikorrenti Judith Arapa née Formosa, imwieled u joqgħod Ħal Qormi, u miet Pietà, fl-14 ta' Jannar 2006, ta' 52 sena u kellu karta ta' l-identità numru 778553(M) u li miet intestat u għalhekk ġie ordnat il-ħruġ tal-bandu biex jiġi mgħarraf kull min jista' jkollu x'jaqsam fih.

Kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex b'nota jagħmel l-oppożizzjoni tiegħu a tenur ta' l-Artikolu 537(1) et seq. tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) illum 25 ta' April 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by an application filed in the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) on the 8th March 2006, by Judith Arapa widow of Joseph, Application number 145/2006, whereby she asked that it be declared open in her favour and this in the quota of one-half (1/2) undivided share each and in favour of her children Maria wife of Mario Friggieri, Rita Camilleri wife of Joseph and Pauline Scerri, legally separated from Martin Scerri, sisters Arapa and this in the quota of one-sixth undivided share in favour of each one of them, the SUCCESSION of Carmel sive Charles Arapa, bachelor, son of the late Joseph and the applicant Judith Arapa née Formosa, born and residing at Qormi, and died in Pietà, on the 14th January 2006, aged 52 and who had identity card number 778553(M) and who died intestate and thus the issuing of the bann was ordered so that any interested party be notified.

Thus whoever considers that he has an interest is called so that by means of a note he enters his opposition in terms of Article 537(1) et seq. of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12).

Registry of the Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section) today 25th April 2006.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

663

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja) fit-8 ta' Marzu 2006, minn Alfred Bonnici, Rikors numru147/2006, fejn talab li tiġi ddikjarata miftuħa favur Alfred, Emanuel, Michael, Emily mart Edwin Spiteri, Carmen legalment separata minn ma' Emanuel Spiteri, Lorenza mart Sunny Fenech, ilkoll aħwa Bonnici, (aħwa tad-decujus) u dan fi kwota ta' ottava parti (1/8) indiviża, kull wieħed u waħda minnhom, favur l-eredità ta' Francis Bonnici u dan fi kwota ta' ottava parti (1/8) indiviża, liema eredità hija regolata skond kif jirriżulta mir-riċerki testamentarji u favur ulied il-mejta Evelina mart Carmel Ghigo (oħt id-decujus), u cioé favur Mario, Joseph u Godwin aħwa Ghigo, u dan fi kwota ta' parti waħda minn sittax-il parti (1/16) indiviża kull wieħed minnhom is-SUĊĊESSJONI ta' Maria Bonnici, xebba, bint il-mejtin Giuseppe Bonnici u Bernarda née Agius, imwielda Isla kienet toqgħod Ħal Tarxien u mietet Pietà fil-15 ta' Jannar 2002, ta' 83 sena kellha l-karta ta' l-identità numru 33819(M) u li mietet b'testament li l-werrieta tiegħu hija mejta u għalhekk ġie ordnat il-ħruġ tal-bandu biex jiġi mgħarraf kull min jista' jkollu x'jaqsam fih.

Kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex b'nota jagħmel l-oppożizzjoni tiegħu a tenur ta' l-Artikolu 537(1) et seq. tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) illum 25 ta' April 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by an application filed in the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) on the 8th March 2006, by Alfred Bonnici, Application number 147/2006, whereby he asked that it be declared open in favour of Alfred, Emanuel, Michael, Emily wife of Edwin Spiteri, Carmen legally separated from Emanuel Spiteri, Lorenza wife of Sunny Fenech, all brothers and sisters Bonnici, (brothers and sisters of the decujus) and this in the quota of one-eight (1/8) undivided share, in favour of the inheritance of Francis Bonnici, and this in the quota of one-eight (1/8) undivided share, which inheritance is regulated as results from the searches of wills, and in favour of the children of the deceased Evelina wife of Carmel Ghigo (sister of the decujus) and in favour of Mario, Joseph, and Godwin, brothers Ghigo, and this in the quota of one-sixteenth part (1/16) undivided share in favour of each one of them the SUCCESSION of Maria Bonnici, unmarried daughter of the late Giuseppe Bonnici, and Bernarda née Agius, born in Senglea and who resided in Tarxien and died in Pietà on the 15th January 2002, aged 83 and who had identity card number 33819(M) and who died testate and who heir is dead and thus the issuing of the bann was ordered so that any interested party be notified.

Thus whoever considers that he has an interest is called so that by means of a note he enters his opposition in terms of Article 537(1) et seq. of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Registry of the Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section) today 25th April 2006.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

664

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tas-17 ta' Novembru 2005, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

E.C.B. Hotel & Catering Equipment Limited (C4729) ta' 40-41, Marina Street, Pietà, ippreżentaw Talba fis-7 ta' Lulju 2005, fejn talbu lit-Tribunal sabiex ßjikkundanna lil Philip Camilleri ta' Casa Camilleri, Busketto Road, Buskett, Rabat, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' mija u tlieta u disgħin lira Maltija u sebgħa u tmenin ċenteżmu (Lm193.87) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (1459/05JR) hija differita għat-2 ta' Mejju 2006 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 25 ta' April 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 17th November 2005, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

E.C.B. Hotel & Catering Equipment Limited C-4729 ta' 40-41, Marina Street, Pietà, filed a Claim on the 7th July 2005 whereby they asked the Tribunal to condemn Philip Camilleri of Casa Camilleri, Busketto Road, Buskett, Rabat, to pay the plaintiff company the sum of one hundred and ninty three Maltese liri and eighty seven cents (Lm193.87) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 1459/05JR) is put off on the 2nd May 2006 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 25th April 2006

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

665

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tal-15 ta' Frar 2006, mogħti mill-Qorti Ċivili Prim Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap.12).

B'digriet mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fl- 4 ta' April 2006 fuq rikors ta' Bank of Valletta P.L.C. ġie iffisat il-Jum tal-Ħamis 11 ta' Mejju 2006 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-Bejgħ bl-Irkant li kien ġie ordnat b'digriet tal-15 ta' Ġunju 2005 li għandu jsir fil-Kuridur ta' dawn il-Qrati tal- fondi hawn taht deskritti.

a) Il-fond bin-Numru 5, fi Triq L-Isqof Mauro Caruana, il-Furjana stmat li jiswa Lm14,876.00c0

b) Il-fond bin-Numru 6, fi Triq l-Isqof Mauro Caruana, il-Furjana stmat li jiswa Lm98,235.00c0

L-imsemmija propjetajiet jappartjenu lil Hallett Construction Ltd.

N.B. L-imsemmija propjetà tinbiegħ bħal ma ġiet deskritta mill-A.I.C Renato La Ferla fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fid-29 ta' Settembru 2005.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 18 ta' April 2006.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court First Hall on the 4th April 2006 on the application of Bank of Valletta P.L.C. Thursday 11th May 2006 from 9.00 a.m. to twelve noon has been fixed for the Sale by Auction ordered by a decree given on the 15th June 2005 to be held in the Corridor of these Courts of the following properties.

a) Tenement number 5, Bishop Mauro Caruana Street, Floriana valued at Lm14,876.00c0

b) Tenement Number 6, Bishop Mauro Caruana Street, Floriana valued at Lm98,235.00c0

The said properties belong to Hallett Construction Ltd.

N.B The said tenements will be sold as described in the report sworn to by Renato La Ferla A&CE on the 29th September 2005.

Registry of the Superior Courts, this 18th day of April 2006.

VINCENT ATTARD
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

666

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tal-5 ta' April 2006, mogħti mill-Qorti Ċivili Prim Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skond l-artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

Illi b'Rikors u Ċedola ta' Kompensazzjoni kontestwalment preżentati minn Bank of Valletta p.l.c., fit-13 ta' Marzu 2006, qed tintalab it-tpaċija ta' l-ammont ta' Lm80,000.00c0, prezz minnhom offert fil-bejgħ bl-irkant tal-penthouse bl-arja sovrastanti, formanti parti minn blokk ta' appartamenti li jismu 'Fawwara Buildings', fi Triq Ġuże Fava, Sliema miżmum taħt l-Awtorità ta' din il-Qorti fid-9 ta' Marzu 2006, appartenenti lil Joecar Limited.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum id-19 ta' April 2006.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the 5th April 2006, given by the first Hall Civil Court, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Oganisation and Civil Procedure (Chapter 12).

That by application and a Schedule of set-off filed contemporaneously by Bank of Valletta p.l.c. on the 13th March 2006, the approval of the said judicial acts is being demanded for the amount of Lm80,000.00c0 being the purchase price of Penthouse including its overlying airspace forming part of block of apartments 'Fawwara Buildings' in Ġuże Fava Street, Sliema, belonging to Joecar Limited held in a sale by auction under the Authority of the said Court on the 9th March 2006.

Registry of the Superior Courts, today the 19th April 2006.

VINCENT ATTARD
For The Registrar, Civil Courts and Tribunals

667

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tal-5 ta' April 2006, mogħti mill-Qorti Ċivili Prim Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap.12).

Illi b'Rikors u Ċedola ta' Kompensazzjoni kontestwalment preżentati minn Bank of Valletta p.l.c., fit-22 ta' Frar 2006, qed tintalab it-tpaċija ta' l-ammont ta' Lm1,500.00c0, prezz minnhom offert fil-bejgħ bl-irkant tal-fond 29, fi Triq ir-Redentur, Ħaż-Żabbar, miżmum taħt l-Awtorità ta' din il-Qorti fit-2 ta' Frar 2006, appartenenti lil Joseph Zerafa.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum id-19 ta' April 2006.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the 5th April 2006, given by the first Hall Civil Court, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Oganisation and Civil Procedure (Chapter 12).

That by application and a Schedule of set-off filed contemporaneously by Bank of Valletta p.l.c., on the 22nd February 2006, the approval of the said judicial acts is being demanded for the amount of Lm1,500.00c0 being the purchase price of tenement 29 in Triq ir-Redentur, Żabbar, belonging to Joseph Zerafa, held in a sale by auction under the Authority of the said Court on the 2nd February 2006.

Registry of the Superior Courts, today the 19th April 2006.

VINCENT ATTARD
For The Registrar, Civil Courts and Tribunals

668

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-4 ta' April 2006, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Maltacom p.l.c. (C22334) ta' Spencer Hill, Marsa, ippreżentaw Talba, fl-4 ta' Marzu 2005, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Sharon Saydon (ID4786A) ta' Sunday, Triq ix-Xoffa, San Pawl il-Baħar, sabiex tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' erba' mija u wieħed u għoxrin lira Maltija

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 4th April 2006, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Maltacom p.l.c. (C22334) of Spencer Hill, Marsa filed a Claim on the 4th March 2005 whereby they asked the Tribunal to condemn Sharon Saydon of Sunday, Triq ix-Xoffa, San Pawl il-Baħar, to pay the plaintiff company the sum of four hundred and twenty one Maltese liri and forty

u tnejn u erbgħin ċenteżmu (Lm421.42) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Il-kawża (612/05PBC) hija differita għat-2 ta' Mejju 2006 fis-1.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 25 ta' April 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

two cents (Lm421.42) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 612/05PBC) is put off on the 2nd May 2006 at 1.00 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 25th April 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

669

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-23 ta' Jannar 2006, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Mirage Holdings Ltd (C6808) ta' Flamingo Showroom, Cannon Rd, Qormi, ippreżentaw Talba, fil-20 ta' Settembru 2005, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Paul Gatt ta' 5 Alley 1, St Peter Street, Qormi, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' erba' mija u wieħed u erbgħin lira Maltija (Lm441) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (1752/05DC) hija differita għat-2 ta' Mejju 2006 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 25 ta' April 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 23rd January 2006, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Mirage Holdings Ltd (C6808) of Flamingo Showroom, Cannon Road, Qormi filed a Claim on the 20th September 2005 whereby they asked the Tribunal to condemn Paul Gatt of 5, Alley 1, St Peter Street, Qormi, to pay the plaintiff company the sum of four hundred and forty one Maltese liri (Lm441) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 1752/05DC) is put off on the 2nd May 2006 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 25th April 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

670

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-5 ta' Diċembru 2005, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

The General Soft Drinks Co Ltd (C-1591) ta' Mdina Road, Qormi, ippreżentaw Talba fit-3 ta' Novembru 2005, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Mark Parretti (ID 260876M) ta' 7, Fuq il-Fortini, il-Birgu, sabiex iħallas lis-soċ-jeta attriċi s-somma ta' mija u disa' liri Maltin u tmienja u ħamsin ċ enteżmu (Lm109.58) liema ammont huwa dovut lis-soċjeta attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (1855/05DC) hija differita għat-2 ta' Mejju 2006 fin-12.30 p.m.

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 5th December 2005, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

The General Soft Drinks Co Ltd C-1591 ta' Mdina Road, Qormi filed a Claim on the 3rd November 2005 whereby they asked the Tribunal to condemn Mark Parretti (ID 260876(M) of 7, Fuq il-Fortini, Birgu, to pay the plaintiff company the sum of one hundred and nine Maltese liri and fifty eight cents (Lm109.58) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 1855/05DC) is put off on the 2nd May 2006 at 12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 25 ta' April 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 25th April 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

671

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim Awla permezz ta' digriet mogħti fit-13 ta' Settembru 2005, fl-atti taċ-Ċitazzjoni Numru 748/05 FS, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenut a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-10 ta' Awissu 2005, fl-ismijiet Maltacom plc (C 22334) kontra Jonathan Melarangi , ID 49588(M), is-soċjetà Kummerċjali Maltacom p.l.c. (C 22334), esponiet bir-rispett;

Illi l-kawża fl-ismijiet fuq premessi (Ċit. Numru 2616/97 RCP) ġiet deċiża minn din il-Qorti fit-23 ta' Marzu 2000, u fl-istess kawża l-konvenut kien ġie kkundannat iħallas lill-Maltacom plc s-somma ta' Lm1,723.04 (elf seba' mija tlieta u għoxrin liri Maltin u erba' ċenteżmi) in konnessjoni mas-servizz telefoniku numru 581036 li kien installat fil-fond 'The Picarrons', Triq Paderborn, San Pawl il-Baħar, bl-imgħax u bl-ispejjeż.

Illi mill-imsemmija somma l-konvenut għadu ma ħallas xejn,....Omissis.....

u għalhekk l-ammont dovut lill-esponenti huwa ta' Lm3,074.58 (tlett elef u erbgħa u sebgħin liri Maltin u tmienja u ħamsin ċenteżmu), salv kull imgħax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Illi mid-data tas-sentenza għaddew aktar minn ħames (5) snin u s-soċjetà esponenti għandha interess illi tipproċedi permezz tal-mandati opportuni sabiex tiġbor l-ammont lilha dovut.

Għaldaqstant l-esponenti filwaqt illi tagħmel referenza għall-artikolu 258 et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12) tal-Liġijiet ta' Malta titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tawtorizzaha tipproċedi bil-mandati opportuni sabiex tesegwixxi s-sentenza fl-ismijiet fuq indikati.

Rikorrenti: Maltacom p.l.c., Telgħet Spencer, Marsa.

Intimat: Jonathan Melarangi,'The Picarrons', Triq Paderborn, San Pawl il-Baħar.

Ir-Rikors hawn fuq imsemmi numru 748/2005 FS, fl-ismijiet Maltacom plc vs Melarangi Jonathan, jinsab differit għat-30 ta' Mejju 2006, fil-11.00 a.m., għan-notifika.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 25 ta' April 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 13th September 2005, in the records of the Writ of Summons Number 748/05 FS, ordered the following publication for the purpose of service of the defendant in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of an application filed in the First Hall Civil Court on the 10th August 2005, in the names Maltacom plc (C 22334) against Jonathan Melarangi, ID 49588(M) the Commercial company Maltacom p.l.c. (C 22334) pleaded with respect;

That the case in the names above premised (Writ of Summons Number 2616/97 RCP) was decided by this Court on the 23rd March 2000, and in the same cause the defendant was condemned to pay Maltacom plc the sum of Lm1,723.04 (one thousand seven hundred and twenty three Maltese liri and four cents) in connection with telephone service number 581036 which was installed in the premises 'The Picarrons', Paderborn Street, St. Paul's Bay, with interest and with costs.

That from the said sum the defendant has not yet paid anything,....Omissis.....

and thus the amount due to the applicant is of Lm3,074.58 (three thousand seventy four Maltese liri and fifty eight cents) saving any further interest till the date of the effective payment.

That from the date of the judgement there elapsed more than five years and the applicant company has an interest to proceed with the opportune warrants to collect the amount due to it.

Thus the applicant whilst referring to article 258 et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12) of the Laws of Malta prays with respect that it be authorized to proceed with the opportune warrants to execute the judgement in the names indicated.

Applicant: Maltacom p.l.c., Spencer Hill, Marsa.

Respondent: Jonathan Melarangi, 'The Picarrons', Paderborn Street, St. Paul's Bay.

The Application above mentioned number 748/2005 FS, in the names Maltacom plc vs Melarangi Jonathan, has been put off to the 30th May 2006, at 11.00 a.m., in order that service be effected.

Registry of the Superior Courts, today 25th April 2006.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

672

IKUN jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Attijiet Nutarili, b'digriet tat-28 ta' Marzu, 2006, ordnat il-korrezzjoni ta' l-Att tal-Mewt ta' Mary Scolaro née Sammut, li jġib in-numru progressiv ta' skrizzjoni 2374 tas-sena 1952, fis-sens mitlub, fil-parti relattiva li tagħti tagħrif 'Dwar il-persuna mejta', u preċiżament fil-kolonna intestata 'Jekk għażeb/xebba, miżżewweġ/miżżewġa, armel/armla' l-kunjom 'Smith' għandu jiġi kkanċellat u sostitwit bil-kunjom 'Sammut'.

Reġistru tal-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Attijiet Nutarili
Illum, 24 ta' April, 2006.

PAUL X SAMMUT, B.Psych., PGDPS, Hon Dip. Litt.,
Għar-Reġistratur
Qorti ta' Reviżjoni ta' l-Attijiet Nutarili

IT IS hereby notified in virtue of the powers conferred on it by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a decree dated the 28th of March, 2006, ordered the correction of the Act of Death of Mary Scolaro née Sammut, bearing the number 2374 of the year 1952, in the sense that, in the part where it gives particulars respecting 'The deceased', precisely in the column entitled 'Whether married or unmarried, widower or widow', the surname 'Smith' be cancelled and be substituted with the surname 'Sammut'.

Registry of the Court of Revision of Notarial Acts
This, 24th of April, 2006

PAUL X SAMMUT, B.Psych., PGDPS, Hon Dip. Litt.
F/Registrar
Court of Revision of Notarial Acts

673

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim'Awla permezz ta' digriet mogħti, fl-4 ta' Novembru 2005, fl-atti tar-Rikors Numru 753/05 FS, fl-ismijiet Maltacom p.l.c vs James Buhagiar, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenut a tenur ta' l-Artikolu 187 (3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, fl-10 ta' Awissu 2005, fl-ismijiet Maltacom plc (C 22334) kontra James Buhagiar (ID 587153M), is-soċjetà Kummerċjali Maltacom p.l.c. esponiet bir-rispett;

Illi l-kawża fl-ismijiet fuq pemessi (Ċit. Numru 1775/97 RCP) ġiet deċiża minn din il-Qorti, fit-13 ta' Jannar 1999, u fl-istess kawża l-konvenut ġie kkundannat iħallas lis-soċjetà Kummerċjali Maltacom plc is-somma ta' Lm1,764.35 (elf seba' mija erbgħa u sittin liri Maltin u ħamsa u tletin ċenteżmu), in konnessjoni mas-servizz telefoniku numru 21342539, bl-imgħax u bl-ispejjeż.

Illi mill-imsemmija somma l-konvenut ħallas is-somma ta' Lm979.18 (disa' mija u disgħa u sebgħin lira u tmintax-il ċenteżmu),… Omissis…

u għalhekk l-ammont dovut lill-esponenti huwa ta' Lm1,417.51 (elf erba' mija u sbatax-il lira u wieħed u ħamsin ċenteżmu), salv kull imgħax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Illi mid-data tas-sentenza għaddew aktar minn ħames (5) snin u s-Soċjetà esponenti għandha interess illi tipproċedi permezz tal-mandati opportuni sabiex tiġbor l-ammont lilha dovut.

Għaldaqstant l-esponenti filwaqt illi tagħmel riferenza għall-artikolu 258 et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) tal-Liġijiet ta' Malta, titlob bir-

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 4th November 2005, in the records of the Application Number 753/05 FS, in the names Maltacom p.l.c. vs James Buhagiar ordered the following publication for the purpose of service of the defendant in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of an Application filed in the First Hall Civil Court on the 10th August 2005, in the names Maltacom plc (C 22334) against James Buhagiar (ID 587153M), the Commercial Company Maltacom p.l.c. pleaded with respect;

That the case in the names above premised (Writ of Summons Number 1775/97RCP) was decided by this Court on the 13th January 1999, and in the same cause the defendant was condemned to pay the Commercial company Maltacom p.l.c. the sum of Lm1,764.35 (one thousand seven hundred and sixty four Maltese Liri and thirty five cents) in connection with telephone service number 21342539, with interest and with costs.

That from the said sum the defendant paid the sum of Lm979.18 (nine hundred and seventy nine Liri and eighteen cents)…Omissis…

and thus the amount due to the applicant is of Lm1,417.51 (one thousand four hundred and seventeen liri and fifty one cents) saving any further interest till the date of effective payment.

